MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 921/2011

Smash Communications Limited (C-16065).

Vs

Lidea Events Limited (C-44217).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn u sitta u ghoxrin ewro (€2046) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ammont dovut minnha in konnessjoni ma servizzi rezi mis-socjeta' attrici skond ftehim datat 6 ta' Awissu 2009. Bl-ispejjes u l-imghax mid-data minn meta l-ammont kien dovut sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni tas-sorte pprezentata mis-socjeta’ attrici fejn permezz tal-istess giet ridotta s-somma mitluba ghal elf, sitt mija u sitta u disghin ewro (€1696) stante hlas akkont.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma mitluba kif ridotta mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf, sitt mija u sitta u disghin ewro (€1696), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------